

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

8.10.2008

0080/2008

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Françoise Grossetête, John Bowis, Katalin Lévai, Jan Tadeusz Masiel u  
Antonios Trakatellis

dwar il-prijoritajiet tal-ġlieda kontra l-marda ta' Alzheimer

Data ta' skadenza: 22.1.2009

**0080/2008**

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-prijoritajiet tal-ġlieda kontra l-marda ta' Alzheimer**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli tiegħu,
  - A. billi l-marda ta' Alzheimer fil-preżent toqot 6,1 miljun Ewropew u li din iċ-ċifra se tirdoppja jew tittriplika sal-2050 bil-proċess tat-tixjiħ tal-popolazzjonijiet,
  - B. billi din il-marda tirrappreżenta l-aktar kawża komuni tad-dipendenza,
  - C. billi l-impenn politiku huwa importanti ħafna fl-oqsma tar-riċerka, tal-prevenzjoni u tal-protezzjoni soċjali,
1. Jitlob lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-gvernijiet tal-Istati Membri biex jirrikonoxxu l-marda ta' Alzheimer bħala prijorità għas-saħħa pubblika Ewropea u biex ifasslu pjan ta' azzjoni Ewropew:
    - għall-promozzjoni ta' riċerka, li tikkonċerna lill-Ewropa kollha, dwar il-kawżi, il-prevenzjoni u t-trattament tal-marda ta' Alzheimer,
    - għat-titjib fid-dijanjosi bikrija,
    - għat-tħaffif / simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-pazjenti u għal min jieħu ħsiebhom u għat-titjib fil-kwalità tal-ħajja tagħhom,
    - għall-promozzjoni tal-irwol tal-assoċjazzjonijiet Alzheimer u biex jingħatalhom appoġġ regolari,
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-gvernijiet tal-Istati Membri, kif ukoll lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali kkonċernati.